

Permezz tat-tieni aggravju, l-appellant isostni li l-motivazzjoni tas-sentenza appellata fir-rigward tal-karattru distintiv tal-element verbali “Bullerjan” miżjud mat-trade mark ikkontestata waqt l-użu, hija kontradittorja u insuffiċjenti. Is-sentenza appellata ma pprovdiet ebda indikazzjoni dwar il-livell ta' karattru distintiv li l-Qorti Ġenerali tat lill-element verbali miżjud. Fl-assenza ta' determinazzjoni tal-karattru distintiv tal-element miżjud, ma jkunx possibbli li jiġi evalwat jekk dan tal-aħħar għandux effett fuq il-karattru distintiv tat-trade mark ikkontestata. Minbarra dan, is-sentenza appellata hija, f'dan ir-rigward, kontradittorja. F'dan is-sens, il-Qorti Ġenerali tqis, minn naħa, li l-element verbali jista' jiffaċilita d-determinazzjoni tal-orijini kummerċjali tal-prodotti, iżda tafferma, min-naħa l-oħra, li tali element ma għandux effett fuq il-karattru distintiv tat-trademark tridimensjonali kkontestata. Il-faċilitazzjoni tad-determinazzjoni tal-orijini kummerċjali u l-assenza ta' effett fuq il-karattru distintiv madankollu jeskludu lil xulxin reċiprokament.

Permezz tat-tielet aggravju, l-appellant isostni li fid-determinazzjoni tal-karattru distintiv tat-trademark tridimensjonali kkontestata ġie applikat kriterju legali żbaljat. Sabiex jiġi ddeterminat il-grad ta' karattru distintiv ta' trademark tridimensjonali, il-forma protetta għandha tiġi pparagunata mal-forom eżistenti fis-suq. Madankollu, il-Qorti Ġenerali, fil-motivazzjoni tagħha, ma tibbażax ruħha fuq dawn tal-aħħar, iżda fuq “forma ta' forn inġenerali”. Forma ġenerika simili, madankollu, ma teżistix.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Hamburg (il-Ġermanja) fid-
19 ta' Diċembru 2017 – Anke Hartog vs British Airways plc**

(Kawża C-711/17)

(2018/C 134/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Hamburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Anke Hartog

Konvenuta: British Airways plc

Domandi preliminari

Il-kundizzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 ⁽¹⁾, stabbilita fl-Artikolu 3(2) (a) tiegħu, għandha tiġi interpretata fis-sens li l-passiġġieri li għandhom reżervazzjoni kkonfermata għandhom “jippreżentaw lilhom infushom għal check-in” meta, fin-nuqqas ta' indikazzjoni ta' ħin, dawn jippreżentaw ruħhom, mhux iktar minn 45 minuta qabel il-ħin tat-tluq ippubblikat, fil-kju quddiem il-post taċ-check-in stabbilit mit-trasportatur tal-ajru għar-regiŝtrazzjoni kkonċernata?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Kielcach (il-
Polonja) fid-29 ta' Diċembru 2017 – ECO-WIND Construction S.A., bis-sede f'Varsavja vs
Samorządowe Kolegium Odwoławcze w Kielcach**

(Kawża C-727/17)

(2018/C 134/19)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Wojewódzki Sąd Administracyjny w Kielcach (il-Qorti Amministrattiva Provinċjali ta' Kielce, il-Polonja)